# Frott Ħelu

Darba kien hemm raħal fejn in-nies kienu tassew kuntenti. Ilkoll kienu ħbieb, jixtiequ t-tajjeb lil xulxin, jgħinu lill-oħrajn u jilagħbu bla ma jiġġieldu.

Meta jitwieldu, lit-tfal kienu jagħtuhom xkora mimlija bi frott li kien jikber biss f'dan ir-raħal. Ħadd ma kien jaf kemm hemm frott fl-ixkora, għax kienet tkun mimlija sa fuq. Il-frott donnu ma kien jispiċċa qatt mill-ixkora. Kull darba li xi ħadd kien idaħħal idu fl-ixkora, frott dejjem kien isib.

Kull min kien jirċievi frotta mingħand xi ħadd kien iħossu mimli mħabba u ħlewwa lejn l-oħrajn. In-nies li jiġu fir-raħal u ma jiħdux mill-frott kienu jħossuhom imdejqa u ftit wara jimirdu. Kien ħafif li tieħu mill-frott għax meta jkollok aptit, tmur għand xi ħadd mir-raħal u titlobhom frotta. Kienu jdaħħlu jdejhom fl-ixkora u joħorġu frotta minnha. Il-frotta kienet iebsa u morra, imma kif toħroġ mill-ixkora kienet titbissem, issir bajda, ratba, ħelwa u sħuna. Lil min jagħtuh frotta kien jagħfasha ma' qalbu, imissha bil-mod ma' wiċċu,... iżommha f'idejh. U dak il-ħin jimtela kollu kemm hu bil-ferħ. In-nies kienu jagħtu dan il-frott mingħajr ħlas lil xulxin,... b'xejn,... anzi jieħdu gost iqassmuh. B'hekk li fir-raħal kulħadd kien ferħan.

Kien hemm waħda li ma kinitx kuntenta tara n-nies iqassmu dan l-frott. Kien jisimha Belzefa', saħħara kattiva, għajjura u xħiħa. In-nies tar-raħal ma kenux jagħtu kasha! Biex tiġbed in-nies warajha Belzefa' bdiet taħseb fi pjan kattiv.

X'għamlet? Marret ġo dar u resqet lejn il-papa', li dak il-ħin kien fuq is-sufan jaqra l-gazzetta. Qaltlu bil-mod: "Ħares lejn il-mara tiegħek. Se tagħti frotta mill-ixkora lil waħda mill-ġirien ... Jekk se tibqa' sejra hekk, mhux se jifdal frott għalikom!"

Ir-raġel beda jaħseb. "Trid tgħid," qal lis-saħħara, "li jekk nagħtu l-frott lill-oħrajn dan jista' jispiċċa mill-ixkora tagħna?"

"Hekk hu!,... wieġbet Belzefa'.

Is-saħħara  telqet 'l hemm. Ir-raġel emminha lil Belzefa'. Minn dak il-ħin, ma ħax pjaċir jara lill-mara tiegħu tqassam il-frott. Beda jinkwieta... Tkellem mal-mara: "U jekk is-saħħara qed tgħid sew?" Il-mara wkoll bdiet tibża'. Qablet miegħu. "Hemm bżonn li ma naħlux!”

It-tfal ma damux ma ndunaw kif qed jaħsbuha l-ġenituri dwar il-frott. F'qasir żmien ir-raħal inbidel. Il-pjan kattiv ta' Belefa’ rnexxa. In-nies ma baqgħux idaħħlu jdejhom bil-ferħa fl-ixkora tal-frott. U aktar ma l-kbar u ż-żgħar saru tosti u xħaħ u l-frott żammewh għalihom, dan beda jonqos mill-ixkora. Mhux bħal qabel, meta kien donnu ma jispiċċa qatt. Issa, irġiel, nisa u tfal waqfu milli jitbissmu, milli jkunu ħelwin mal-oħrajn, milli jgħinu lil xulxin.

Darba ġrat xi ħaga sabiħa. Tfajla b'gajnejha mimlija dawl u bi tbissima ħelwa waslet fir-rahal. It-tfajla ma kinitx taf bis-saħħara l-kattiva. Bdiet tqassam il-frott ħelu lit-tfal. Ma beżgħetx li l-frott se jispiċċa. Kien hemm min ħares bl-ikrah lejha għax qalu li t-tfal se jibdew jaħlu u jagħtu l-frott b'xejn. Imma t-tfal tant ħabbewha, għax ħassewhom tajjeb magħha. U bdew iqassmu b'xejn il-frott ħelu lil kull min talabhom. Il-kbar ma riduhomx jagħmlu dan u rrabjaw magħhom. Imma t-tfal xorta baqgħu jqassmu l-frott ħelu.

Wieġeb Veru jew Falz

1. Meta Alla ħalaq id-dinja ma kienx hawn faqar. Alla ħalaq ikel għal kulħadd.
2. Fid-dinja hawn aktar fqar milli sinjuri.
3. Fid-dinja hawn ħafna faqar minħabba li s-sinjuri jieħdu l-ikel li mhux tagħhom.
4. Dawn li m'għandhomx ikel lanqas għandhom ilma nadif tajjeb għax xorb.
5. Madre Tereża , soru Indjana qattgħet ħajjitha taħdmet ħafna fost il-fqar. Kienet tiġbor it-tallaba u l-fqar mormija fit-triq u tipprovdilhom saqaf fejn igħixu u platt sħun kuljum.
6. F'Jum il-Missjoni l-Knisja tħeġġeġ l-insara biex igħinu lill-foqra mxerrdin mad-dinja. Dan jiġi mfakkar fit-tielet Ħadd ta' Ottubru.
7. Il-Papa Franġisku f'wieħed mid-diskorsi tiegħu dwar il-faqar qal: Aktar ma d-dinja ssir sinjura, aktar is-sinjur jistgħana u l-fqir jitfaqqar"
8. Il-parabbola ta' Lazzru u l-għani titkellem dwar in-nuqqas ta' ikel li nsibu fid-dinja llum.




